MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 175/2013

**AB**
**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat C B zzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u mmarkat bhala ‘Dokument A’;
2. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta’ rikonciljazzjoni fil-futur;
3. Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta’ Frar 2013 iddikjarat li l-medjazzjoni hija maghluqa u tawtorizza lil A B tipprocedi

b'kawza u dan fit-termini mposti mill-ligi, kopja ta' liema qieghda tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala 'Dokument B';
4. Illi kemm il-partijiet ghandhom dhul u/jew manteniment adegwat ghalihom u m'hemm ebda manteniment dovut lill xulxin, m'ghandhomx tfal, u in oltre` l-unika proprjeta in komuni huwa sehem f'restaurant maghruf bhala The Trees, li fil-prezent hemm ftehim u qbil bejniethom li jibqa` tal-partijiet sakemm jghaddu sabiex jaghmlu arrangament ulterjuri;
5. Illi dan kollu jirrizulta mill-affidavit ta' A B hawn mehmuz u mmarkat bhala 'Dokument C';

Talab sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tidddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005), bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; (Art. 66A(1), Kap. 16)

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art. 66A(4), Kap. 16);

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' April, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul

u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom de facto separati mit-23 ta' Lulju, 2008, ghaddew mill-process ta' medjazzjoni illi pero' falla;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------